

NEWSPAPER POST
ISSN 2221-576X

# VICTORIA

Pubblikazzjoni bimensili tal-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ | Għawdex

JANNAR – APRIL 2012 Nru 183

## MUMENTI QAWWIJA TA' ĊELEBRAZZJONI LITURĠIKA FIL-KOMUNITÀ ĠORĠJANA

### bejn Diċembru 2011 u April 2012



*Kronaka miġbura minn **Mario Casha***

**Il-Festi tal-Milied**

Bejn il-15 u t-23 ta' Diċembru, fil-Bażilika ta' San Ġorġ inżammet in-Novena, li tkun prinċipalment immirata għat-tfal, għalkemm ninnotaw bi pjaċir li kien hemm preżenza kbira ta' adulti kif ukoll tal-katekisti. In-Novena saret fil-Quddiesa tas-6.00pm u din id-darba tmexxiet minn Dun Geoffrey George Attard. Din kienet tinkludi drammi qosra miktuba minn Francesco Pio Attard, filwaqt li d-direzzjoni kienet f'idejn Antonella Zammit. Il-Quddiesa kienet akkumpanjata bil-kant minn Monica Marie Parnis. In-Novena serviet biex twassal messaġġ Nisrani u awtentiku lit-tfal tagħna, naturalment bl-aħjar mezzi li jgħinu lit-tfal jifhmu u jitgħallmu. Il-formula ta' drammi qosra waqt in-Noveni ġol-parroċċa ta' San Ġorġ qed ikollha suċċess, għax il-messaġġ joħroġ bl-aktar mod ċar kif ukoll għax l-esperjenza, ix-xogħol u l-preparazzjoni tagħha jiġbru f'post

*jissokta f'paġna 3...*

## Il-Bambin "ta' De Soldanis" f'wirja prestiġjuża fil-Belt Valletta



Bejn l-10 ta' Diċembru 2011 u s-6 ta' Jannar 2012, fil-Berġa ta' Kastilja, il-Belt Valletta, l-Uffiċċju tal-Prim Ministru tella' wirja prestiġjuża bit-tema *Il-Bambini tal-Milied f'Malta: 350 sena ta' storja*. Fiha ġabar dawk li aktarx meqjusa l-isbaħ ħamsa u għoxrin Bambin tal-Milied li għandna f'pajjiżna. Fosthom kien hemm għall-wiri l-Bambin "ta' De Soldanis", xogħol fix-xama' li jmur lura għas-seklu tmintax, miżmum f'urna ta' l-injam indurat bid-deheb, fl-Awla Kapitulari tal-Bażilika ta' San Ġorġ. Fil-fatt dan kien l-uniku xogħol minn Għawdex li ntgħażel għal din il-wirja prestiġjuża. Kull sena fi żmien il-Milied, dan il-Bambin, fl-urna artistika tiegħu, jitniżżel għall-wiri fuq wieħed mill-altari tal-Bażilika. Il-Bambin jissejjaħ "ta' De Soldanis" għax jissemma l-ewwel darba fil-*Gozo Antico-Moderno e Sacro-Profano* tiegħu. L-istudjuż tal-folklor u storiku Għawdxi John Bezzina jżid jgħidilna li fl-antik, b'rabta ma' dan il-Bambin, f'San Ġorġ kienet issir festa kull 25 tax-xahar. L-Isqof Mikiel Gonzi tant kien għoġbu li meta sar Arċisqof ħadu miegħu Malta, sakemm fl-1979 il-Bambin u l-urna tiegħu reġgħu lura lejn id-dar oriġinali tagħhom.

F'din il-ħarġa



**L-Arċipriet Mikiel Cefai**
*It-tieni artiklu*
paġni 5-7



**Insellmu lil Dr Ċensu Tabone**
paġni 8-9

# Editorjal

UFFIĊĊJU EDITORJALI
Uffiċċju Parrokkjali Bażilika San Ġorġ Triq il-Karità Victoria VCT 1200, Għawdex
tel: 21 556 377, fax: 21 556 981, email: info@sangorg.org
web: www.stgeorge.org.mt radio: 104.00MHz FM Stereo

## Ma naħdmux waħidna!

Hi ħaġa naturali li parroċċa kbira bħalma hi dik tagħna tista' topera biss bis-sehem ta' ħafna. Ħarsa lura lejn l-istorja twila tagħha turi biċ-ċar li l-ġid li ħareġ minn "San Ġorġ" inbena fuq il-benefatturi li kellu. F'ħafna mill-opri ta' arti u inizjattivi pastorali kbar, kienu l-Għawdxin, ir-Rabtin u l-Ġorġjani li taw sehemhom biex il-komunità parrokkjali Ġorġjana tkun dak it-teżor li nistgħu napprezzaw il-lum!

Min isegwi xi ftit dak li jkun għaddej fil-parroċċa u jinteressa ruħu fl-inizjattivi tagħha, jinnota li bħalissa f'San Ġorġ – u b'dan nifhmu kemm l-istruttura u l-manutenzjoni tal-binja u kemm il-qasam pastorali – għaddejjin bosta proġetti u inizjattivi utli, waqt li bosta oħrajn huma maħsuba għall-futur. Dawn jistgħu jkunu possibbli biss bil-koperazzjoni ta' kulħadd, u ħafna drabi hu l-aspett finanzjarju wieħed mill-fatturi l-aktar importanti u xi kultant l-iżjed diffiċli.

Għalhekk l-appell imur lejn dawk kollha li jistgħu jagħtu l-kontribut tagħhom, kemm jekk hu finanzjarju u kemm jekk dan jagħtuh f'ħin jew f'talenti li jistgħu jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-komunità parrokkjali. Jista' jsir ħafna iżjed bil-koperazzjoni u l-kollaborazzjoni ta' kull iben u bint tal-parroċċa. Wara kollox għalhekk aħna "parroċċa"! B'hekk biss proġetti li jġibu 'l quddiem il-parroċċa Ġorġjana jistgħu jiġu fis-seħħ, biex bħal fl-imgħoddi, il-lum ukoll il-Bażilika ta' San Ġorġ tista' tkun minn ta' quddiem biex toffri l-aħjar servizz possibbli lil kull min iżurha.

## KRONAKA PARROKKJALI

*Membri ġodda fil-komunità parrokkjali*

- 01/01/2012 **Noah James**, bin Saviour Camilleri u Christina Buttigieg
- 02/01/2012 **Anthony**, bin Michael Pace u Maureen Sacco
- 07/01/2012 **Kyle**, bin Joseph Vella u Isabelle Cassar
- 11/02/2012 **Alex**, bin Joseph Ellis u Simona Vassallo
- 12/02/2012 **Chanelle**, bint Etienne Grech u Leanne Grech
- 07/04/2012 **Jake**, bin Alessio Camilleri u Janice Gatt
- 14/04/2012 **Benjamin**, bin Stephanie Fenech u Brenton Micallef
- 15/04/2012 **Andrew**, bin Saviour Farrugia u Roseanne Sillato
- 22/04/2012 **Clintaaron**, bin Clint Hawes u Cheryl Eales
- 22/04/2012 **Giorgio Anici**, bin Jamie W. Camilleri u Simone Grech

*Ingħaqdu fis-sagrament taż-Żwieġ*

- 26/02/2012 **Joseph Tabone** u **Monique Cassar**
- 14/04/2012 **Francianne Rapa** u **Stefan Carl Borg**
- 15/04/2012 **David Camilleri** u **Isabel Zammit**

*Marru jingħaqdu ma' Kristu Rxoxt*

- 05/01/2012 **Ġanni Vella**
- 13/01/2012 **Michaelangelo Formosa**
- 09/02/2012 **Ġużeppa Micallef**
- 20/02/2012 **Doris Vella**
- 01/03/2012 **Elizabetta Mariano**
- 03/03/2012 **Kelinu Galea**
- 11/03/2012 **Ġorġa Caruana**
- 12/03/2012 **Pawlu Caruana**
- 18/03/2012 **M'Gladys Chritien**
- 19/03/2012 **Maria Grech**
- 24/03/2012 **Ġanna Grima**
- 08/04/2012 **Ġuzeppi Xuereb**

## DONAZZJONIJIET

Grazzi mill-qalb lil dawk li wieġbu għall-appell tagħna għal iktar donazzjonijiet b'riżq din ir-rivista:
Mons. Ġużeppi Gauci (Victoria) – €10 | Mons. Coronato Grima (Victoria) – €10 | Joe Cini (Victoria) – €20
Tonio Debattista (Victoria) – €20 | Pawlu Caruana (Victoria) – €20 | N.N. (Victoria) – €20.

***Komplu għinuna, għax neħtieġu ħafna iżjed! Ibagħtu d-donazzjonijiet tagħkom (f'ċekk indirizzat lill-Bażilika ta' San Ġorġ) fuq l-indirizz tagħna, inkella wassluhom personalment fl-Uffiċċju Parrokkjali.***

*Il-Belt Victoria* hi l-pubblikazzjoni maħruġa kull xahrejn mill-Bażilika ProtoParrokkjali ta' San Ġorġ, bl-għan li twassal il-messaġġ Kristjan u aħbarijiet oħra tal-parroċċa lill-membri tal-komunità parrokkjali mifruxa ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. L-ewwel ħarġa ġiet stampata fl-1981 wara deċiżjoni li ttieħdet f'seminar parrokkjali fi Frar ta' dik is-sena, bl-inizjattiva ta' l-Arċipriet Mons. Emanuel Mercieca. Mitbugħa għand *A&M Print*, il-Qala, Għawdex.

BORD EDITORJALI
Francesco Pio Attard, Mons. Anton Borg, Mario Casha, Andrew Formosa
Il-fehmiet tal-kontributuri mhux bilfors jaqblu ma' dawk tal-bord editorjali.

FOTOGRAFIJA
Joe Attard, Dr Michael J. Camilleri, Mario Casha, Andrew Formosa, Ivan Galea, Feliċ Micallef, Tonio Schembri, Mons. Felix Tabone, Joseph J.P. Zammit

...jaqbad mill-qoxra

# Ċentru ta' Ċelebrazzjoni Liturġika...



1

wieħed numru kbir ta' nies mill-parroċċa f'komunità waħda, ħajja u attiva [1]. Il-kant ta' l-*Alma* sar kuljum mit-tfajjel Francis J. Camilleri. Nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru, fil-għaxija, ġiet organizzata wkoll Quddiesa f'għar fix-Xagħra li jinsab fuq ir-riħ tar-Ramla, immirata għall-adolexxenti, u din tmexxiet mill-Kan. Tonio Galea.

Nhar is-Sibt 24 ta' Diċembru, fl-4.30pm, sar ukoll l-Ewwel Għasar Solenni tal-Milied li tmexxa mill-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia. Naturalment iċ-ċelebrazzjonijiet tal-Milied inkludew bħas-soltu l-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl, li hija ferm popolari mhux biss mal-membri tal-parroċċa tagħna imma tista' tgħid ma' l-Għawdxin kollha. Il-Quddiesa tal-Vġili tal-Milied kienet immexxija mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, flimkien mal-Kapitlu u l-kleru. Il-Priedka tat-Tfajjel din is-sena kienet fdata f'idejn l-abbati Riccardo Gatt Ellis. L-għada, jum il-Milied imqaddes, fil-11.00am kien hemm il-Pontifikal Solenni mmexxi mill-Isqof ta Għawdex Mons. Mario Grech.

Fil-31 ta' Diċembru, l-Isqof ippresieda wkoll Pontifikal Solenni fil-5.00pm, f'-għeluq tas-sena, u b'radd il-ħajr lil Alla fi tmiem il-Konċelebrazzjoni tkanta t-*Te Deum*. Iktar tard fil-għaxija, fit-8.00pm, inżammet ukoll adorazzjoni solenni b'talb ta' radd il-ħajr għas-sena li kienet qed tagħlaq, u din tmexxiet mill-Vigarju Parrokkjali Mons. Anton Borg. L-għada, l-Ewwel tas-Sena, Mons. Isqof, li huwa wkoll Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, ippresieda l-Pontifikal Solenni tal-11.00am fejn ta l-awgurju tiegħu lill-komunità tagħna għas-sena li kienet għadha kemm bdiet



2

L-attivitajiet prinċipali marbuta ma' żmien il-Milied fil-Bażilika għalqu bis-solennità ta' l-Epifanija tal-Mulej, il-Ħadd 11 ta' Jannar, fejn l-Isqof mexxa l-Pontifikal li fih saret it-Tħabbira Solenni tal-Festi Liturġiċi għas-sena l-ġdida. Il-funzjonijiet prinċipali ta' żmien il-Milied kienu kollha animati mill-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri* u mxandra fuq l-istazzjon tar-radju tal-parroċċa *Leħen il-Belt Victoria*, li għal dan il-perjodu festiv xandar bi skeda sħiħa.

**Ir-Randan, il-Ġimgħa Mqaddsa u l-Għid**

Dan iż-żmien liturġiku fetaħ nhar l-Erbgħa tar-Rmied, 22 ta' Frar. Il-programm ta' din is-sena kien jinkludi fost l-oħrajn żewġ ċelebrazzjonijiet għat-tfal, *live-in* għall-adolexxenti, erba' korsijiet ta' eżerċizzi spiritwali, l-Għasar Solenni kantat fil-Ħdud, is-Settiena tad-Duluri, u l-funzjonijiet tradizzjonalment marbuta ma' dawn iż-żminijiet. F'Ras ir-Randan, fis-6.00pm, l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, li fiha sar ir-rit tat-tqegħid ta' l-irmied bħala sinjal ta' l-istedina għall-indiema u l-konverżjoni. L-għada saret fil-Bażilika l-ewwel minn żewġ Ċelebrazzjonijiet tar-Randan għat-tfal kollha tal-parroċċa, akkumpanjati mill-katekisti u l-ġenituri tagħhom. Iċ-ċelebrazzjoni ta' madwar siegħa, li bdiet fil-5.30pm, tmexxiet minn Francesco Pio Attard [2]. Ġie organizzat ukoll *Live-in* għall-Adolexxenti tal-parroċċa tagħna, u bi pjaċir ninnutaw li kien hemm grupp sabiħ ħafna. Din l-attività saret fid-Dar ta' l-Irtiri tas-Sorijiet Agostinjani, Għajnsielem, mill-Ġimgħa 24 ta' Frar fil-għaxija sas-Sibt 25 fil-għaxija. F'dan il-*live-in* sar ħafna tagħlim minn professjonisti u saċerdoti li wasslu messaġġ siewi lill-adolexxenti tagħna [3].



3

L-Eżerċizzi tar-Randan din is-sena saru minn Mons. George Bezzina, Mons. Carmelo Mercieca, il-Kan. Tonio Galea u d-Djaknu Daniel Grech. Dan ta' l-aħħar mexxa l-eżerċizzi spiritwali tat-tfal, fejn ninnutaw bi pjaċir kbir li din is-sena kellna madwar tmenin tifel u tifla taħt it-tnax-il sena. Prosit tassew lil dawk involuti, għax it-tagħlim



4

għandu verament jibda minn età żgħira. Huwa permezz tal-parroċċa u t-tagħlim kollu li toffri li aħna nistgħu nikbru, mhux biss bħala Nsara imma wkoll bħala bnedmin tassew maturi.

Nhar il-Ġimgħa 16 ta' Marzu, fis-6.00pm, l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa fil-Bażilika Konċelebrazzjoni Solenni bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru fl-okkażjoni tal-festa parrokkjali tal-Liżar Imqaddes ta' Kristu. Dritt wara, fis-7.00pm, Dun Savio Vella SDB għamel taħdita verament interessanti fuq il-Liżar Imqaddes ta' Kristu li l-Bażilika tagħna għandha x-xorti li tippossedi kopja tiegħu. Dun Savio hu meqjus awtorità f'pajjiżna fejn jidħol l-istudju ta' dan il-Liżar, u mhux l-ewwel darba li ġie mistieden jagħti taħdita simili fil-parroċċa ta' San Ġorġ. Il-Ġimgħa ta' wara bdiet is-Settiena tad-Duluri, sebat ijiem ta' tħejjija għat-tifkira devozzjonali ta' Sidtna Marija Addolorata. Il-priedka matul dawn il-jiem saret mill-Kan. Tonio Galea.

Il-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira fi ħdan il-Bażilika ta' San Ġorġ ikkummissjona lill-artisti Għawdxin Michael u ibnu Adonai Camilleri Cauchi statwa ġdid ta' l-*Ecce Homo*, jew Tal-Porpra: Ġesù bil-kuruna tax-xewk fuq rasu u qasba f'idejh marbuta. L-injam ta' l-*utile* ġie mogħti b'xejn mill-mastrudaxxa Ino M. Attard. Din l-istatwa kompliet ir-rinnovazzjoni tas-sett tal-Ġimgħa l-Kbira fil-parroċċa tagħna.

Marbuta ma' dan iż-żmien isiru diversi wirjiet. Fil-parroċċa tagħna, f'Dar *Leħen il-Belt Victoria*, saret wirja li kienet tikkonsisti f'sett ta' statwi tal-Ġimgħa Mqaddsa maħduma mill-artisti Rabtin Joseph u wliedu George James u Michael Cutajar Zahra. Il-wirja kienet organizzata mill-Għaqda tan-Nar *San Ġorġ Martri* fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika *La Stella.* Is-Sibt 31 ta' Marzu, il-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-parroċċa, flimkien ma' Mons. Ġużeppi Farrugia, responsabbli mill-grupp, għamel *Via Crucis* fuq l-għolja Ta' Għammar. Dak in-nhar ukoll fil-għaxija, rappreżentanti mill-Grupp *23four>>* ħadu sehem fil-*Via Crucis* organizzata mill-Kummissjoni Djoċesana Żgħażagħ fl-istess post.

It-Tnejn tal-Ġimgħa Mqaddsa sar il-pellegrinaġġ bir-Redentur u dritt wara nżamm il-Kunċert ta' Mużika Sagra mill-Banda *La Stella*, fejn indaqqu marċi funebri u kompożizzjonijiet oħra sagri taħt id-direzzjoni tas-surmast direttur il-Prof. Joseph Vella, waqt li l-Kor *Laudate Pueri* wkoll għamel intervent bl-interpretazzjoni ta' motett sagru. Saret ukoll preżentazzjoni ta' donazzjoni lil *Dar Arka*; il-president tas-Soċjetà Pawlu Zammit ippreżenta ċ-ċekk lis-Sur Joe Camilleri, li kien qed jirrappreżenta lil Mons. Emanuel Curmi, id-direttur tad-Dar, li kien indispost.

Minħabba t-temp tax-xita, il-*Via Crucis* ta' l-Erbgħa tat-Tniebri fil-għaxija kellha tinżamm ġol-Bażilika **[4]**. L-għada fil-parroċċa tagħna saret ukoll il-funzjoni ta' Ħamis ix-Xirka fejn bħas-soltu l-Bażilika kienet imbullata bin-nies. Nhar il-Ġimgħa l-Kbira fil-għodu l-Grupp *23four>>* organizza *Via Crucis* fuq l-Għolja Ta' Għammar, filwaqt li wara nofs in-nhar kellna l-funzjoni ta' l-Adorazzjoni tas-Salib immexxija mill-Arċipriet Cardona. Kif spiċċat il-funzjoni, sar it-tberik ta' l-istatwa l-ġdida mill-istess Arċipriet u dritt wara bdiet ħierġa mill-Bażilika l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, l-ewwel Purċissjoni tal-Passjoni f'Għawdex, li għalhekk għandha valur storiku kbir. Fil-purċissjoni din is-sena ħadu sehem, barra l-Banda Ċittadina *La Stella* u l-Kor *Laudate Pueri*, il-Banda *Konti Ruġġieru* tar-Rabat ta' Malta u l-Grupp ta' l-i*Scouts* tal-Marsa.

Is-Sibt kellna ċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili ta' l-Għid, filwaqt li l-għada, Ħadd l-Għid, fil-11.00am sar il-Pontifikal ta' l-Għid Imqaddes mill-Isqof Mario Grech. Minħabba maltemp li ħakem lil Għawdex, id-Dimostrazzjoni ta' l-Irxoxt din is-sena ma saritx.

**Festa Liturġika ta' San Ġorġ**

Din is-sena l-Għaqda Armar Festa San Ġorġ fi ħdan is-Soċjetà Filarmonika *La Stella* ħadet l-inizjattiva li ttella' l-produzzjoni *Ġorġi Tagħna* fit-Teatru Astra, nhar is-Sibt 14 ta' April, fit-8.00pm. Dan il-programm kien suċċess kbir, kien festa ta' kultura, kant, letteratura u tifħir lil San Ġorġ, kif ukoll festa ta' għaqda bejn it-tfal, adolexxenti, żgħażagħ kif ukoll adulti. Huwa fuq attivitajiet bħal dawn li għandna ninsistu, għax fihom naraw familja waħda: il-familja Ġorġjana. Din l-attività, biex ngħidu hekk, fetħet il-festi li jsiru f'April, fil-festa liturġika ta' San Ġorġ.

It-tlitt ijiem tat-Tridu Solenni saru minn Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu, filwaqt li kull Quddiesa ntemmet bit-talb tal-Kurunella u l-Litanija, il-kant ta' l-Innu, u l-Barka Ewkaristika mill-Vigarju Parrokkjali Mons. Feliċ Tabone. Il-Ħadd fil-għaxija, lejlet is-solennità, inżamm l-Ewwel Għasar Pontifikali mmexxi minn Mons. Isqof, u aktar tard il-Velja Solenni tal-Martirju, fi Pjazza San Ġorġ, ukoll ippreseduta minn Mons. Isqof **[5]**. L-attività prinċipali tal-festa ntlaħqet it-Tnejn 23 ta' April, jum is-solennità liturġika, meta fis-6.30pm Mons. Ġużeppi Gauci mexxa t-Tieni Għasar Solenni, u wara l-Isqof mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali. Tard filgħaxija mbagħad il-Banda Ċittadina *La Stella* għamlet marċ bl-istatwa ta' San Ġorġ Żagħżugħ, xogħol Austin Camilleri, minn Pjazza San Ġorġ sal-Każin *La Stella.*


5

# L-Arċipriet Monsinjur Mikiel Cefai: kif niftakru...

Il-Belt Victoria *tkompli tfakkar lill-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai (1891-1981) fl-okkażjoni tat-tletin anniversarju minn mewtu, din id-darba b'artiklu ta'* **Mons. Ġużeppi Gauci**, *li kien il-vigarju parrokkjali tiegħu fil-parroċċa ta' San Ġorġ għal bosta snin.*

Lill-Arċipriet Mikiel Cefai ma kontx nafu sewwa meta kont għadni żgħir. Kien hu li għammidni fil-knisja ta' San Ġorġ, fil-25 ta' Ottubru 1941, l-għada ta' twelidi. Dak in-nhar hu kien Vigarju Koadjutur ta' l-Arċipriet Alfons. M. Hili. Ġie maħtur Arċipriet fis-17 t'April 1944 u ħa l-pussess fil-parroċċa ta' San Ġorġ fit-30 ta' April 1944. Ta' min jgħid li l-Arċipriet Cefai, bħall-arċiprieti ta' qablu, kien jemmen bis-sħiħ fil-parrokkjalità tal-parroċċa ta' San Ġorġ u minnha kien jaqdi d-dmir tal-kura ta' l-erwieħ tal-Belt Victoria kollha. Minkejja li fi tfuliti kont aktar mixħut lejn in-naħa ta' San Franġisk milli lejn San Ġorġ, id-demm Ġorġjan kien dejjem jiġri fil-vini tiegħi. Tant hu hekk li meta fi ċkuniti kont nilgħab bil-knisja, flimkien ma' l-istatwa ta' l-Immakulata li kienet it-titular tal-knisja, kelli wkoll statwa żgħira tat-tafal ta' San Ġorġ, mixtrija mingħad *Ġoġò* ta' Triq Mons. Giuseppe Farrugia, li għadha tifforma parti, bħala l-aktar statwa antika li għandi, mill-kollezzjoni tiegħi *"San Ġorġ fl-Arti u fil-Kultura"*.

Imma mbagħad l-ewwel idea li ħadt ta' Mons. Cefai kienet fiż-żmien li "insterqu" l-ġwienaħ ta' San Mikiel mill-knisja ta' San Ġorġ, fit-28 ta' Settembru 1954. Dak in-nhar kont sa nagħlaq tlettax-il sena u niftakar li fil-għodu, nhar San Mikiel, id-29 ta' Settembru 1954, meta ġriet l-aħbar fuq dak li ġara, mort sa San Ġorġ, rajt l-istatwa ta' l-Arkanġlu bla ġwienaħ, bla raġġiera u bla nofs il-fjamma. Fil-pront daħal is-Sur Ġanni Grech, partitarju tas-Soċjetà Filarmonika *Il Leone* li kienet tieħu sehem fil-purċissjoni ta' San Mikiel mill-knisja ta' San Ġorġ, biex jippreżenta bukkett kbir f'isem l-istess Soċjetà lill-istatwa ta' San Mikiel. Mal-bieb tal-ġenb tal-knisja li jiġi quddiem fejn tkun l-istatwa, kien hemm għassa l-kuntistabbli Ġorġ Saliba.

Fil-għaxija l-kurżità reġgħet ħaditni lejn San Ġorġ, u waqt il-kant tal-Vespri fil-knisja diġà kien hemm il-Banda *Il Leone* skjerata mat-taraġ tal-knisja tistenna l-ħruġ tal-purċissjoni. Għal dik is-sena kellhom ukoll kor ta' tfajliet biċ-ċfuf ħodor biex ikantaw xi innijiet. Iżda kif kont fil-knisja nistenna x'sa jiġri, wara l-Vespri ħareġ l-Arċipriet Cefai fuq il-presbiterju u bi ftit kliem meqjus imma b'vuċi soda ħabbar li l-purċissjoni ma kenitx sa toħroġ. Għadni niftakar li dak in-nhar l-Arċipriet Cefai laqatni għall-kliem sod u meqjus tiegħu, ħaġa li bqajt nammiraha dejjem fih.

Fl-1957, wara li ħadt iċ-ċertifikat tal-G.C.E. ta' Oxford, bdejt l-iskola fis-Seminarju bis-sena tal-Letteratura u, allura, bdejt nagħti s-servizz tiegħi fil-parroċċa ta' San Ġorġ, fejn stajt nammira aktar is-serjetà ta' Mons. Cefai, il-kapaċità tiegħu fil-priedki u l-eżattezza fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi u l-attenzjoni tiegħu għall-kant Gregorjan. Ngħid



Il-Ħadd 30 ta' April 1944: Ritratt famuż li juri lill-Arċipriet Mons. Mikiel Cefai fuq it-taraġ tal-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ dak in-nhar li ħa l-pussess bħala Kappillan tagħha.



Il-Ħadd 1 ta' Awwissu 1954: Anki meta kien Arċipriet tar-Rabat, baqa' attiv fil-ħajja tal-parroċċa nativa tiegħu. Hawn jidher qed jagħmel id-diskors taċ-ċirkustanza fl-Inkurunazzjoni tal-kwadru ta' l-Immakulata Kunċizzjoni tal-Qala.

għalija dawn il-kwalitajiet tiegħu ħallew effett kbir fuqi u dejjem stinkajt biex nagħmilhom tiegħi. Meta, fl-1962, sewwa sew fis-6 ta' Ottubru, miet missieri Ludoviku, wara li kien tah attakk ta' *angina pectoris*, waqt li kien jagħti servizz ta' kant fil-knisja ta' San Ġorġ f'ċelebrazzjoni funebri, jien kont għadni kemm irċivejt it-Tonsura li biha sirt kjeriku u l-ewwel żewġ Ordnijiet Minuri, kif kien isir dak in-nhar. Kont qed nibda t-tieni sena tal-kors teoloġiku fis-Seminarju Maġġuri ta' Għawdex meta ġejt imsejjaħ malajr fl-Isptar *Victoria* fi Pjazza San Franġisk u lil missieri sibtu mejjet assistit minn Dun Karm Sacco li kien Kappillan ta' l-Isptar u minn Dun Ġorġ Grech li kien ikun hemm fl-inħawi ta' San Franġisk. Ħadt ħsieb l-organizzazzjoni tal-funeral għall-għada l-Ħadd 7 ta' Ottubru 1962, fil-Quddiesa tal-11.00am, fil-knisja ta' San Ġorġ. Fil-għodu kmieni qabel il-funeral kont mort għall-Quddiesa fil-knisja ta' San Ġorġ u hemm sibt lill-Arċipriet Cefai jħejji għall-Quddiesa tiegħu fis-6.00am. Ħallieni nidħol bil-kwiet fil-kor u ġie fejni bis-skiet u d-dinjità tiegħu, taptapli fuq spallejja, u qalli kelma qasira ta' kuraġġ bil-Latin: *"Sursum corda"* – "Nerfgħu qlubna 'l fuq". Hekk kien l-istil sieket u dinjituż ta' l-Arċipriet Cefai.

Ġejt ordnat saċerdot fil-Katidral mill-Isqof Ġużeppi Pace, nhar il-Ħadd 25 ta' April 1965, l-ewwel darba li l-Ordinazzjoni saret fil-għaxija. Kien il-Ħadd ta' wara l-Għid, *Dominica in Albis*. U allura, billi Jum San Ġorġ ħabat fl-Ottava ta' l-Għid, ġie ttrasferit għat-Tnejn 26 ta' April, u l-ewwel Quddiesa li ċċelebrajt kienet dik ta' San Ġorġ Martri fuq l-altar tal-kor, fil-ħarsien setgħani tal-Qaddis Patrun u taħt il-ħarsa siekta u għassiesa ta' l-Arċipriet Cefai mill-post fejn kien joqgħod, fl-ewwel stall tal-Kor. Niftakar li wara din l-ewwel Quddiesa qalli xi kliem ta' inkuraġġiment biex nippersevera fiċ-ċelebrazzjoni għaqlija tal-Quddiesa, ħaġa li dejjem għamilt u għadni nfittex li nagħmel.

Iċċelebrajt l-Ewwel Quddiesa Solenni tiegħi fil-Bażilika ta' San Ġorġ nhar il-Ħadd 2 ta' Mejju 1965. L-Arċipriet Cefai assistieni sa mid-dar fil-korteo lejn il-Bażilika u mbagħad bħala *presbyter assistens* bil-kappa, kif kienet l-użanza dak in-nhar. Meta fit-28 ta' Jannar 1968 mietet ommi Giovanna, ġie d-dar u, wara li bierek il-katavru tagħha, ftakarna b'kuntrast iż-żjara li kien għamel fl-istess post tliet snin qabel. Imma kliemu kien dejjem ċar, sod u ta' kuraġġ, addattat għal kull sitwazzjoni.

Meta bdejt il-ħidma tiegħi, qrib ta' Mons. Cefai fil-Bażilika ta' San Ġorġ, beda joffrili nagħmel kull xorta ta' priedki: tridijiet, noveni, il-priedki tad-dehriet tal-Madonna ta' Fatima, il-priedki ta' l-ewwel Sibt tax-xahar fil-għodu, u l-priedki kollha li dak in-nhar aktar mil-lum kienu jsiru f'San Ġorġ, fosthom il-priedka tal-*Via Sagra*. Għat-23 ta' April 1967 talabni nagħmel il-paniġierku ta' San Ġorġ: dak in-nhar inzerta l-Ħadd u sar wara l-kant ta' l-Għasar minn fuq il-pulptu. Milli jidher għoġbu l-paniġierku, għax xi jiem wara qalli biex nagħmel it-Tridu tal-Festa ta' San Ġorġ f'Lulju 1967. Dik kienet l-aħħar festa, għax qamet il-kwistjoni parrokkjali minħabba l-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u l-festa ma saritx għal għaxar snin. Matul is-snin ta' protesta, l-Arċipriet Cefai kien jagħti l-pariri għaqlin tiegħu fis-skiet u mingħajr daqq tat-trombi. Fis-sena 1975 kien hemm xnigħat qawwija li sa tinstab soluzzjoni u sejjaħli u qalli biex jekk issir il-Festa ta' San Ġorġ inkun lest biex nagħmel it-Tridu. Bħas-soltu aċċettajt. Iżda l-Festa ma saritx għax il-ftehim ma ġiex iffinalizzat. Saret f'Settembru u ċ-ċelebrazzjonijiet tmexxew mill-Arċipriet Cefai b'dik id-dinjità li biha kien imexxi l-funzjonijiet



Il-Ħadd 8 ta' Frar 1976: Waqt Żjara Pastorali ta' l-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi fil-parroċċa Ġorġjana. Mons. Cefai kien fl-aħħar xhur ta' l-arċipretura tiegħu.



Il-Ħadd 8 ta' Frar 1976: F -istess Żjara Pastorali. Maġenb l-Isqof Cauchi jidhru wkoll Mons. Emanuel Mercieca, suċċessur ta' Mons. Cefai bħala Arċipriet ta' San Ġorġ, li f'dik l-okkażjoni kien is-Segretarju taż-Żjara Pastorali; Dun Anton Grech Vella; Dun Ġużepp Gauci; u s-sagristan Ġużeppi Mercieca.

liturġiċi kollha. Il-Festa saret fuq jumejn, it-13 u l-14 ta' Settembru, bdiet bit-Traslazzjoni Solenni tas-Sibt u spiċċat bir-Repożizzjoni tar-Relikwa u l-Barka Ewkaristika f'jum il-Ħadd. Dak in-nhar kien pront qalli li, jiġri x'jiġri, illesti biex nagħmel it-Tridu tal-Festa ta' Lulju 1976. Hu stess vaża lill-Arċipriet il-ġdid Mons. Emanuel Mercieca b'dan, u hekk sar.

Fis-26 ta' Lulju 1970 Mons. Cefai, bl-approvazzjoni ta' l-Isqof Nikol Ġ. Cauchi, ħatarni viċi-parrokku tiegħu għall-Belt Victoria kollha. Konna nkun żewġ viċijiet, ġimgħa kull wieħed, u l-ħidma kienet kbira. Minn barra s-servizzi fil-Bażilika kellna l-assistenza tal-moribondi, li l-parti l-kbira tagħhom kienu jmutu d-dar u trid tkun fejnhom waqt mewthom. Kellna wkoll ħafna tqarbin tal-morda, l-aktar nhar ta' Ħadd u f'jum l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Matul dawn is-snin min jaf kemm-il Dilka tal-Morda u kemm-il Vjatku Solenni amministrajt! Billi l-għeja kien bdiet tkiddu, kemm-il darba kien isejjaħli biex namministra l-Magħmudija flokU jew nassisti l-għoti tal-kunsens taż-Żwieġ. Kien isejjaħli wkoll biex nagħmel il-priedka msejħa tal-Katekiżmu ta' nhar ta' Ħadd minfloku, u anki għat-Tberik tad-Djar fi żmien l-Għid. Naf li dan kollu ġieli ġibed fuqi l-odjożità ta' min kien jippretendi li jagħmel dan hu. Imma jien kont nagħmel li jgħidli l-Arċipriet Cefai bil-fedeltà kollha. Ħallejt dan ix-xogħol ta' viċi-parroku meta ġejt imsejjaħ is-Seminarju bħala Prefett tad-Dixxiplina tas-Seminarju Minuri, fid-9 ta' Settembru 1978, fejn bqajt sa Ottubru tas-sena 2002.

Fl-10 ta' Ottubru 1971, bl-approvazzjoni ta' l-Arċipriet Cefai, twaqqaf fi ħdan il-knisja ta' San Ġorġ il-Kumitat Storiku-Kulturali tal-Bażilika. Hu stess aċċetta li jkun il-President *ex-officio* ta' dan il-kumitat u aċċetta wkoll il-ħatra tiegħi bħala viċi-president, li saret fis-17 ta' Ottubru 1971.

Matul dawn is-snin kont nagħti wkoll is-servizz ta' ċeremonier waqt li jkun jiffunzjona Mons. Cefai. Ngħid il-verità, kont nieħu gost narah eżatt fiċ-ċerimonji u jmexxihom b'solennità li tixirqilhom, l-aktar dawk tat-Tridu Mqaddes ta' l-Għid, u kont aktar nagħmel kuraġġ lili nnifsi biex nagħtih servizz xieraq. Kien dan il-mod serju u qaddis tiegħu fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li għallimni ħafna u ħalla eżempju qawwi fuqi. Kont ukoll għamilt snin nagħtih is-servizz tiegħi fil-Quddiesa tas-6.00am billi ngħinu bħala djaknu. Kont nammirah fil-kant liturġiku. Fil-kant Gregorjan ma kinitx tfallilu nota waħda, minkejja li aħna li konna ninġabru madwaru f'nofs il-kor biex inkantaw miegħu min jaf kemm-il nota kienet tfallilna u hu jibqa' dejjem sod, bla ma jieqaf jew jitfixkel. Niftakar li meta mill-Kurja fettlilhom jagħtu karigi ġodda lil xi saċerdoti, lili ma nnominawnix bħala ċerimonier minkejja li kont ili snin nagħmel dan ix-xogħol. Meta għidtlu, iddispjaċieh, u kien hu stess li mar il-Kurja u ppreżenta l-każ, u ftit wara, fil-5 ta' Awwissu 1975, irċivejt in-nomina ta' ċeremonier.

Meta, f'Ottubru 1972, tkellimt ma' l-Arċipriet Cefai fuq il-ħsieb li jkollna l-kor tal-bażilika tagħna li janima ċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru, ħa gost ħafna u għamilli ħafna kuraġġ. Kien sewwa sew fil-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl tal-Milied ta' l-1972 li dan il-kor kanta għall-ewwel darba. Imma wara ftit ġimgħat il-ħidma tal-kor, minħabba l-kwistjoni parrokkjali, ma setgħetx tkompli. Wara s-soluzzjoni tal-kwistjoni, il-kor reġa' beda l-ħidma tiegħu, sakemm ġie inawgurat uffiċjalment bħala l-*Chorus Urbanus* fil-lejl tal-Milied ta' l-1975.

Fid-29 ta' Settembru 1971, bi ftehim mal-kleru ta' San Ġorġ, organizzajt festin lill-Arċipriet Cefai f'għeluq it-tmenin sena tiegħu. Kont jien stess li għamilt l-omelija ta' l-okkażjoni fuq il-vers tas-Salm 89 (90): "Żmien ħajjitna hu b'kollox sebgħin sena, u l-iżjed tmenin, jekk inkunu f'saħħitna", u minnu ħriġt il-konklużjoni prattika ta' l-istess salmista li nitgħallmu ngħoddu jiem ħajjitna billi ngħixuhom bl-għaqal fuq l-eżempju ta' Mons. Cefai. Anki hawn kelli niġbed fuqi l-odjożità ta' ċerti persuni. Mons. Cefai, billi kien ukoll Arċipriet tal-Katidral, qalli biex ma nistednux lill-monsinjuri li soltu jkunu San Ġorġ, għax inkella jkollu jistieden lill-Kapitlu kollu tal-Katidral. Kellu r-raġuni tiegħu u jien stmajtha bla ma semmejtha ma' ħadd u weħilt b'kollox jien.

Meta Mons. Cefai spiċċa minn Arċipriet u ġie maħtur Vigarju Ġenerali tad-djoċesi fl-10 ta' Marzu 1976, il-kuntatt tiegħi miegħu naqas. Kien quddiemu fil-Kurja Veskovili, bħala Vigarju Ġenerali tad-djoċesi, li ħadt il-ġurament (*professio fidei*) bħala l-ewwel Kanonku Teologu tal-Kolleġġjata ta' San Ġorġ fit-28 ta' April 1976, kariga li minnha rriżenjajt fid-9 ta' Ġunju 1990. Meta mbagħad kellu jirtira fid-dar tiegħu minħabba l-mard, kont spiss inżuru u kien jilqagħni bir-rispett kollu.

Iż-żmien twil ta' servizz li Mons. Mikiel Cefai ta lill-Bażilika ta' San Ġorġ nista' ngħid li kien żmien li fih, aħna li konna qrib tiegħu, stajna nammiraw is-serjetà tiegħu bħala l-bniedem ta' Alla, l-eżattezza dinjituża waqt it-twettiq tal-ministeru saċerdotali, u l-ħeġġa għax-xandir tal-Kelma ta' Alla. Nittama li din il-kitba tiegħi sservi biex l-eżempji sbieħ tiegħu jibqgħu ħajjin fostna, billi anki dawk li ma kinux jafuh iħossu l-ħtieġa li jagħmlu tagħhom is-serjetà u d-dekor għal dak kollu li hu qaddis għax imiss mad-dar ta' Alla.

**Ritratti** mill-kollezzjoni ta' l-awtur u mill-Arkivju Parrokkjali tal-Qala.

# Insellmu lil Dr Ċensu Tabone (1913-2012), eks-President ta' Malta


XXXIV.
Tabone Vincentius fil. D.ris M. Nicolai Tabone et Elisabeth Calleja Conjugum

Nhar l-Erbgħa 14 ta' Marzu 2012, Maltin ta' kull twemmin politiku tnikktu bl-aħbar tal-mewt ta' Dr Ċensu Tabone, tabib ta' l-għajnejn mill-gżira ta' Għawdex li serva b'għieħ bħala r-raba' President ta' Malta bejn l-1989 u l-1994, żmien li fih kellu l-privileġġ li jilqa' f'Malta lill-Papa Ġwanni Pawlu II, lir-Reġina Eliżabetta II, u lill-President ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika George H.W. Bush u dak ta' l-Unjoni Sovjetika Mikhail Gorbachev f'dik li baqgħet imfakkra bħala laqgħa storika bejn iż-żewġ superpotenzi. Ċensinu, kif konna nafuh aħna l-Għawdxin, jibqa' żgur imfakkar bħala statista b'valuri Nsara notevoli, kemm fil-ħajja politika u kemm fis-servizz li ta bħala Kap tan-Nazzjon, kif ukoll għat-tbissima sinċiera li dejjem kellu fuq wiċċu.

Ċensu Tabone twieled l-iżgħar wieħed fost l-għaxar ulied ta' Dr Nicola u Elisa mwielda Calleja, nhar il-31 ta' Marzu 1913, fil-Belt Victoria, Għawdex. Ġie mgħammed fit-2 ta' April, fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, mill-Arċipriet Feliċ Refalo, u skond kif naqraw fir-Reġistru tal-Magħmudija, hu ngħata l-ismijiet ta' Vincentius, Tarcisius, Emmanuel u Ægidius. Qabel marru joqogħdu Malta, hu kien joqgħod mal-familja tiegħu f'dar li flokha l-lum hemm il-fojer tal-Każin *La Stella* fi Triq ir-Repubblika, fejn iktar tard kien ukoll iservi bħala tabib ta' l-għajnejn. Il-Griżma ta' l-Isqof għamilha ta' seba' snin fil-knisja parrokkjali ta' San Ġorġ, fl-20 ta' Mejju 1920.

Dr Tabone ġġieled b'suċċess il-marda tat-trakoma fil-gżira ta' Għawdex, u baqa' jħobb il-gżira nativa tiegħu sa mewtu. Fi tfulitu kien ukoll fuq l-istess bankijiet ta' l-iskola ma' Manwel Mercieca, li mbagħad sar Arċipriet tal-Kolleġġjata Ġorġjana, hekk li hu kien attenda għaċ-ċerimonja tal-pussess tiegħu fl-1976 u baqgħu jirrispettaw lil xulxin.

Il-funeral statali ta' Dr Ċensu Tabone nżamm nhar is-Sibt 17 ta' Marzu 2012, fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann, il-Belt Valletta. Dak in-nhar stess wara nofs in-nhar, il-fdalijiet tiegħu ngabu f'korteo funebri lejn Għawdex, u wara li ġie mqiegħed għall-qima fil-*Banca Giuratale* u saritlu ċerimonja uffiċjali ta' tislima fi Pjazza Indipendenza ppreseduta mill-Isqof ta' Għawdex flimkien maż-żewġ Arċiprieti tar-Rabat, saret id-difna fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, fil-limiti tax-Xewkija.

Mat-tagħrif li tajna, inżidu ieħor dwar ir-rabta ta' Dr Tabone mal-Festa ta' San Ġorġ ta' Għawdex, li żarha f'bosta snin bħala President ta' Malta u anki bħala President tal-Banda *Sliema* ta' Tas-Sliema. Dan għaddihulna s-Sur Winston L. Zammit, minn Tas-Sliema, li kien ħabib ta' Dr Tabone u tal-familja tiegħu:

> Mit-tiftix li għamilt jidher li fl-1991, Dr Ċensu Tabone, bħala President ta' Malta, attenda għall-Konċelebrazzjoni Solenni tal-Festa fil-għodu. Skond is-Sinjura Marija Tabone, lejlet il-Festa, l-Arċipriet Mons. Salvu Borg niżel Marsalforn fil-post tagħhom tal-villeġġjatura u stedinhom biex jattendu għall-Konċelebrazzjoni Solenni tal-Festa. Dr Tabone kien ħa pjaċir ħafna fil-paniġierku ta' Dun Alfred Xuereb, eks-Kappillan ta' Ħal Lija.
>
> Ftit wara li sar President fl-1989, l-abbatini tal-Bażilika ta' San Ġorġ, immexxija minn Dun Feliċ Tabone, kienu għamlulu żjara ta' kortesija fil-Palazz ta' Sant'Anton. Dak iż-żmien il-prefett kien Mark Sagona.

**Mid-djarju tiegħi...**

*Il-Ħadd 21 ta' Lulju 1991:* Il-lum wara nofs in-nhar il-Banda *Sliema* marret Għawdex biex tieħu sehem fil-Festa ta' San Ġorġ. Ftit qabel is-6.30pm, il-Banda *Sliema* bdiet marċ fi Triq ir-Repubblika u sadanittant kien wasal fil-Każin tal-Banda *La Stella* l-President tal-Każin tal-Banda *Sliema* l-E.T. Dr Ċensu Tabone MD u s-Sinjura Tabone. Il-President Tabone u l-membri tal-Kumitat tal-Baned *La Stella* u *Sliema* ħarġu fil-gallerija tal-Każin tal-Banda *La Stella*, u l-Banda *Sliema* sellmet lill-President Tabone bl-Innu Malti. Fl-istess gallerija l-President Tabone ppreżenta rigal lill-Każin tal-Banda *La Stella* f'isem il-Kumitat.

*Il-Ħadd 19 ta' Lulju 1992:* Il-Banda *Sliema* ħadet sehem fil-Festa ta' San Ġorġ tal-Belt Victoria, Għawdex. Għall-ħabta tas-6.30pm il-Banda *Sliema* bdiet marċ minn Triq ir-Repubblika u baqgħet sejra sa Pjazza San Ġorġ. Ftit wara li beda l-marċ, wasal fil-Każin *La Stella* l-E.T. Dr


Mal-membri tal-*Ladies Society* tal-Bażilika ta' San Ġorġ, fi żjara ta' kortežija li għamlulu f'Awwissu 1989 [ħajr: Georgina Cassar].


Ma' l-abbatini tal-Bażilika ta' San Ġorġ, akkumpanjati mid-direttur tagħhom Dun Ġorġ Grima u l-Kan. Feliċ Tabone.

Ċensu Tabone MD, li ħareġ fil-gallerija tal-Każin, u l-Banda *Sliema* sellmitlu bid-daqq ta' l-Innu Malti.

*Il-Ħadd 18 ta' Lulju 1992:* Fil-Festa ta' San Ġorġ ta' Għawdex, wara nofs in-nhar, il-Banda *Sliema* għamlet marċ minn Triq ir-Repubblika sa Pjazza San Ġorġ. Matul dan il-marċ laqgħet lill-E.T. Dr Ċensu Tabone bid-daqq ta' l-Innu Marċ quddiem il-Każin *La Stella.*

F'xi waħda minn dawn is-snin (1991, 1992 jew 1993), Dr Ċensu Tabone u s-Sinjura tiegħu marru fi Pjazza San Ġorġ u segwew il-ħruġ tal-purċissjoni mill-gallarija miftuħa faċċata tal-Bażilika. Jien kont viċin tagħhom, flimkien ma' Patri Ranjeru Zammit OFMCAP.

Dettall ċkejken ieħor interessanti: meta Ċensinu kellu ħames snin, jiġifieri fl-1918, hu għamel il-Priedka tal-Milied f'waħda mill-knejjes tar-Rabat ta' Għawdex, li wliedu qalulna li aktarx kienet dik ta' San Ġorġ.



Paul M. Cassar, Segretarju Ġenerali tas-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, qed jippreżentalu ritratt quddiem il-Każin *La Stella*.

# Fil-Parroċċa ta' San Ġorġ fir-Rabat ta' Għawdex fl-1937

Tagħrif miġbur minn Winston L. Zammit

Filwaqt li kont qiegħed nagħmel xi xogħol fil-Bibljoteka Provinċjali tal-Patrijiet Kapuċċini, il-Furjana, ġiet f'idejja pubblikazzjoni żgħira li aktarx ħarġet mid-Djoċesi ta' Għawdex. Din saret fl-1937, jiġifieri ħamsa u sebgħin sena ilu. Sfortunatament din ir-rivista m'għandhiex kopertina.

F'din il-pubblikazzjoni żgħira nsibu tagħrif fuq il-parroċċi kollha u istituzzjonijiet oħra reliġjużi fil-gżira ta' Għawdex. Sa nġib kelma b'kelma dak li sibt f'paġna 5 ta' din ir-rivista fuq il-parroċċa ta' San Ġorġ.

******************************

PIU XI

ISKOF TA RUMA

VICARIU TA GESÙ CRISTU

SUCCESSUR TAL PRINCEP TAL APOSTLI S. PIETRU

ISKOF TA COLLHA CHEMM HIA IL CNISJA

PATRIARCA TA L'OCCIDENT

PRIMAT TA L'ITALIA

ARCISKOF U METROPOLITA

TAL PROVINCIA TA RUMA

RE TA LI STAT TAL BELT TAL VATICAN

GLORIUS JIRRENJA

ACHILLE RATTI

Tuieled f'Desio fil 31 ta Mejju 1857
Sar Papa fis 6 ta Frar 1922
Gie incoronat fit 12 ta Frar 1922

******************************

L-ewwel paġna tal-pubblikazzjoni maħruġa fl-1937.

PARROĊĊA TA' SAN ĠORĠ

**Festa:** Ir-Raba' Ħadd ta' l-Għid.

Il-knisja tal-lum tlestiet fl-1678. Ġiet ikkonsagrata minn Mons. Alpheran fil-21 ta' Settembru 1755.

Rev.mu Mons. Alfons M. Hili PREL. D'ON. DI S.S., Arċipriet, Kappillan tal-knisja Katidrali u tal-parroċċa ta' San Ġorġ. Ħa l-pussess fis-sena 1917.

Saċ. Carm Hili (Viċi-Parroku)
Saċ. Alfons Gravagna
Saċ. Giuseppe Portelli
Saċ. Manwel Aquilina
Saċ. Ġorġ Faenza
Saċ. Ġwann Attard
Saċ. Luigi Casha
Saċ. Ġorġ Saliba
Saċ. Luigi Portelli
Saċ. Giuseppe Gatt
Saċ. Andrea Buhagiar (Seminarju)
Saċ. Pawl Micallef
Saċ. Mikiel Vella (Sptar Santa Tereża)
Saċ. Giovanni Battista Meilak (Chambrai)
Saċ. Guglielmo Grima JCD
Saċ. Luigi Galea
Saċ. Salv Tabone (Kappillan ta' l-Isqof)
Saċ. Carm Grech (Seminarju)
Saċ. Giuseppe Spiteri (minn Malta)
Saċ. Ġorġ Grech Vella
Saċ. Michele Grech (Viċi-Parroku)
Saċ. Giuseppe Debrincat
Saċ. Ġwann Frendo
Saċ. Manwel Mercieca
Saċ. Tarcisio Gatt

**Konfraternità:** Tas-Santissmu Kurċifiss – Ta' San Mikiel – Ta' Ġesù u Marija.
**Kongregazzjonijiet:** Ta' l-Isem Imqaddes ta' Alla – Ta' l-Appostolat tat-Talb – Tas-Sagra Familja – Tas-Siegħa Mqaddsa.
**Popolazzjoni:** 5,000.

## Qaddisin "Ġorġjani" 36

RABTIET MAL-KULT TAL-PATRUN TAGĦNA
U MA' DAN IT-TEMPJU DDEDIKAT LILU

*Antoine Vassallo*



# Il-Beatu Ġorġ Biandrate

(tifkira liturġika fl-1 ta' Marzu)

Missieru, x'aktarx jismu Orazju, kien il-Konti Biandrate, ta' belt fil-majjistral ta' l-Italja, qrib Turin, jisimha San Giorgio Canavese. Din il-familja, oriġinarjament min-naħa ta' Novara, belt kbira mhux imbiegħda wisq, li kienet anki tissejjaħ *di San Giorgio*, għandha storja influwenti: bosta persunaġġi kienu jiġu minnha jew insibuhom fost id-dixxendenti. Insemmi tnejn biss: ir-Re Ardwinu u l-Konti Guido *il grande*. Dan ta' l-aħħar kien – direttament jew min-naħa ta' martu – neputi tal-Papa Kallistu II, kunjat tar-Re Amadeo III, ziju tar-Re Franċiż Lwiġi VII, u kuġin ta' Federiku Barbarossa!

Dan Ġorġ akkwista fama, mhux għall-ġid jew il-lussu, iżda għall-karità kbira tiegħu. Nafu wkoll kemm kellu mħabba mħeġġa lejn il-Verġni Mbierka. Jingħad li kellu drawwa jmur jitlob fis-Santwarju ta' Misobolo xi tliet kolometri 'l barra, post li baqa' popolari għall-pellegrinaġġi u fost dawk li jogħġobhom joħorġu jieħdu gost bin-natura.

Miet fl-1483 u jinsab midfun fil-knisja parrokkjali ta' beltu. Lapida prominenti, li twaħħlet fis-seklu sbatax lejn il-Kor in-naħa tax-xellug, tenfasizza l-mirakli li wettaq sa minn meta kien għadu ħaj u li komplew iseħħu bl-interċessjoni tiegħu wara mewtu. Il-knisja – mis-seklu tlettax – propjament hi ddedikata lill-Assunta, iżda sintendi l-Patrun m'hux minsi! Fil-fatt waħda mill-aqwa opri artistiċi li hemm hi l-pittura, mill-iskola ta' Defendente Ferrari, fuq it-tieni altar in-naħa tal-lemin: turi lil San Ġorġ joqtol id-dragun.

Kif nistgħu nistennew, din il-belt – San Giòrs Canavèis bid-djalett Pjemontiż – b'popolazzjoni ta' ftit eluf, tiċċelebrah bil-kbir lil San Ġorġ fit-23 ta' April. Hemm anki kastell imsemmi għall-Patrun (*di San Giorgio*), b'importanza difensiva sa mill-għaxar seklu li wasslet biex bosta bdew jgħixu fl-inħawi, tant li nsibuh diġà mdawwar bi rħula u gruppi ta' binjiet fis-seklu ta' wara. Il-kumpless tal-kastell tal-Konti – attrazzjoni mill-aqwa għat-turisti – inbena kważi kollu fi żminijiet Medjevali fuq għolja prominenti, iżda ngħata l-forma preżenti matul is-seklu tmintax. Sadattant kienu ħakmu fuqu l-isqfijiet ta' Vercelli u ta' Ivrea, il-markiżi ta' Monferrato u, anki jekk hemm dubji, it-Templari; il-familja tal-beatu tagħna ntrabtet miegħu fis-seklu tlettax. In-naħa tan-nofs in-nhar hemm kappella ddedikata lil San Ġorġ, li diġà tissemma f'dokumenti tas-seklu sittax.

Gian Francesco Biandrate di San Giorgio Aldobrandini, isqof li jiġi minn dan il-beatu, kien kardinal għal xi għaxar snin minn tmiem is-seklu sittax.



Il-Kastell ta' San Giorgio Canavese fil-Piemonte.



# Jum it-Tlieta u Għoxrin ta' April

Dun Geoffrey George Attard

*Kif ma nixbgħux, staqsejt, intennu ismek,*
*sena war'oħra, ħsiebna lejk idur!*
*Kif ma niqfux illissnu kliem il-hena*
*kull meta April jerġagħlna qalb ix-xhur?*

*X'hemm fik li lejk u li għalik jiġbidna?*
*Għax ma nilbtux u nżommu ftit tas-skiet?*
*Jewwilla ma nafux tal-qies il-wesgħa*
*biex fommna f'dan il-jum ma joqgħodx kwiet!*

*Demmna sħun wisq, bħal ħatab qalb in-nar,*
*baħar qalil, ikħal Mediterran,*
*jew aħmar bħall-peprin jagħti fil-għajn;*
*qimietna lejk ma tafx x'inhu serħan!*

*Kull fejn riġlejja mmidd, nilmħek qabbiez,*
*suldat qalbien, erqj qawwi u felħan.*
*Mill-fjordi kiesħa sa fl-Etjopja tfur,*
*jiftaħru bik minn Spanja sal-Ġordan!*

# Ġesù Inkurunat bix-Xewk, Tal-Porpra

*It-tielet statwa ġdida fl-eqdem Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'Għawdex*



Wara li s-sena l-oħra żżanżnet l-istatwa ta' Ġesù Marbut mal-Kolonna, fil-Purċissjoni tal-Passjoni li ħarġet din is-sena mill-Bażilika ġiet imżanżna statwa oħra ġdida kkummissjonata mill-Kumitat tal-Ġimgħa l-Kbira. L-istatwa l-ġdida, li qed tieħu post oħra antika maħduma fl-1976, hi mill-ġdid xogħol imnaqqax fl-injam ta' l-*utile* minn Michael u ibnu Adonai Camilleri Cauchi.

L-istatwa turi lil Sidna Ġesù Kristu fil-mument ta' wara l-flaġellazzjoni ħarxa, inkurunat bix-xewk, imlibbes mantar aħmar u b'qasba f'idu marbuta, mgħoddi għażżufjett mis-suldati Rumani li komplew iżidulu t-tbatija. Dan hu tradizzjonalment magħruf bħala l-*Ecce Homo*, jew sempliċiment Tal-Porpra. Ġesù hawn jidher wieqaf, imneżża' minn ħwejġu u mlibbes kuruna tax-xewk, bil-qasba f'idu; riġlu tal-lemin hu merfugħ mill-art hekk li jidher qed iserraħ biss fuq tax-xellug, waqt li l-ħarsa tiegħu tfisser it-tbatija tremenda li qed iġarrab. Maġenbu fl-art, fuq zokklatura ċkejkna mnaqqxa fl-istil Ruman, hemm baċir u buqar tal-fidda, simboli tal-ħasil ta' l-idejn ta' Pilatu li ried jeħles lil Ġesù imma ma kellux għażla oħra ħlief li jikkundannah għall-mewt. Il-figura ta' Kristu hi ta' bniedem li qed ibati, imma fl-istess ħin fiha tintlemaħ ir-regalità tiegħu, anki fl-eqqel tal-Passjoni. Il-finezza tad-dettalji joħorġu dan il-messaġġ bl-aqwa mod possibbli: fost l-oħrajn wieħed jinnota s-sengħa kbira ta' l-artisti fil-mod kif hi minsuġa l-kuruna tax-xewk, li ma ġietx miżjuda wara ma' l-istatwa, imma tnaqqxet mill-istess injam tagħha.

Din l-opra ta' l-arti kienet l-unika vara ġdida tal-Passjoni li żżanżnet din is-sena f'parroċċa fil-gżejjer Maltin. Bejn il-Ħamis 29 u l-Ġimgħa 30 ta' Marzu 2012, il-pubbliku seta' jammira l-ġmiel tagħha hekk kif kienet esposta fil-Kappella ta' Ġesù u Marija. Wara dawn il-jumejn, l-istatwa ttieħdet mill-ġdid fl-istudju ta' l-artisti biex titkompla ż-żebgħa. Imbagħad ġiet inawgurata fil-Purċissjoni devota u penitenzjali tal-Passjoni, li din is-sena ħarġet mill-Bażilika ta' San Ġorġ nhar il-Ġimgħa l-Kbira, fil-5.30pm.

## Anita Jane Cachia tibda n-Novizzjat

Nhar is-Sibt 17 ta' Settembru 2011, festa ta' l-Għoti tal-Pjagi ta' San Franġisk, iż-żagħżugħa Anita Jane Cachia tat bidu għan-Novizzjat fi ħdan il-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Franġiskani tal-Qalb ta' Ġesù. Dan sar waqt Quddiesa mmexxija minn Patri Ivan Scicluna OFMCAP fid-Dar *Betanja Franġiskana* li s-Sorijiet għandhom fl-Imsida. Ikkonċelebra miegħu Mons. Pawlu Cardona, Arċipriet tal-Bażilika ta' San Ġorġ, li bierek ukoll l-ilbies tan-novizzjat, filwaqt li l-Madre Provinċjali Josephine Xuereb FCJ ippreżentathom lil Anita Jane.

Anita Jane, li issa għamlet pass ieħor fl-għotja tagħha lil Alla fi ħdan din il-kongregazzjoni reliġjuża, hi membru tal-komunità parrokkjali ta' San Ġorġ, u għalhekk aħna bħala parroċċa għandna nakkumpanjawha bit-talb tagħna biex tagħraf iżjed din is-sejħa li l-Mulej qed jagħmlilha għall-konsagrazzjoni reliġjuża. Hi kienet bdiet il-Postulandat fit-8 ta' Diċembru 2009.



ekoghawdex ghawdex ahjar
European Regional Development Fund Cohesion Fund

## Mużew tagħna - Mużew għal kulħadd

LEJN TWETTIQ TA' ĦOLMA 16

*Antoine Vassallo*

# Kemm hemm x'tgħid!

Reġa' għandi erba' xhur biex nirrapporta fuqhom, bla ma noqgħod nidħol fid-dettall ta' tant aspetti amministrattivi li jridu jitwettqu kontinwament. Dwar dawn, b'eżempju nsemmi rapport twil u mimli numri u figuri li kien jirreferi għas-sitwazzjoni fl-aħħar ta' Diċembru, flimkien ma' li ġara mill-1 ta' Lulju. Ovvjament, qatt ma nista' nkun eżawrjenti għal kollox, iżda hemm il-programm regolari ta' kull nhar ta' Tlieta fuq *Leħen il-Belt Victoria* li jagħtini l-opportunità li nżomm lis-semmiegħa aġġornati sew. U xi żewġ aħbarijiet inġibu fuq l-internet ukoll!

Mal-bidu tas-sena ffirmajna l-kuntratti maż-żewġ ditti ta' restawraturi li kienu ntgħażlu u ġew jiġbru t-tliet pitturi u statwi rispettivament. Fil-ġimgħat ta' wara żorniehom biex anki jkollna s-sodisfazzjon naraw ix-xogħol miexi f'ambjent u b'apparat mill-aqwa. Sintendi kellna wkoll l-okkażjoni li niftehmu dwar xi dettall jew ieħor. La qed insemmi r-restawr, inżid li ntemmet l-esibizzjoni tal-altar fiċ-*Centro Culturale* l-Belt u nġieb lura biex il-proċess jitkompla.

Fi Frar ħriġna żewġ sejħiet oħra: waħda minnhom għall-aperturi, u hemm erbgħa mhux ħażin. Ħassejna li finalment jaqbel li mhux biss nispeċifikaw il-materjal, iżda anki nikkontrollaw id-disinn u l-funzjonament; hekk anki f'dan l-aspett ikollna mużew ta' kwalità superjuri! Għalkemm marbutin li jkunu ta' l-injam, ħsibna anki għal dettalji bħal *double glazing.*

Is-sejħa l-oħra kienet għal xi xogħol addizzjonali. Konna tlabna lill-*Mepa* għal bidliet żgħar fil-pjanta oriġinali, kif ukoll biex inżidu sala oħra. Din iddeċidejniha anki fuq parir tad-disinjaturi li, bħalna, imħeġġin biex ikollna ċentru prominenti. Wara seduti u kjarifiki, fl-aħħar il-permess ħarġuhulna, evidentement mhux qabel ma bagħatna l-ħlas skond il-proċeduri! Allura issa stedinna offerti għal bini, tibjid u l-aspetti l-oħra. Dan l-ispazju miżjud se jservina bil-kbir għax, ngħidu aħna, l-apparat elettroniku se jkun ferm iktar komdu għall-kontroll u manutenzjoni. U, direttament u le, inkunu żidna l-ispazju globali.

It-tender kien jinkludi ġebel, konkrit, il-bejt u s-sopra-bejt, tibjid, madum u lista twila ġmielha ta' xogħol: diversi paġni ta' dettalji. Tistagħġeb kemm anki sala waħda tirrikjedi proċeduri! Wara li nflew l-offerti li waslu – u tlabna għal xi kjarifiki – stajna nagħmlu l-għażla bla ma nkarkru wisq.

Data mill-iktar importanti kienet id-19 ta' Marzu: Monsinjur Isqof aċċetta l-istedina biex jiġi jdur ftit il-post. Stqarr u rrepeta kemm kien impressjonat; propjament ma kien hemm bżonn ilissen xejn, għax dan kien jidher ċar minn imġibtu u mill-ħin li ħa. Għax hemm differenza li tara b'għajnejk flok tistaqsi biss! Imbagħad komplejna fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*: wara introduzzjoni qasira tiegħi, dawk preżenti – saċerdoti u lajċi – kellhom okkażjoni jikkummentaw u jistaqsu. Ma għandix spazju biex nirriproduċi l-minuti; inħoss li għandi nsemmi li l-Kordinatur Mons. Ġużeppi Farrugia reġa' qajjem il-punt ta' l-opportunitajiet għall-evanġelizzazzjoni. Il-konklużjoni kienet bl-Isqof iħeġġiġna fit-twettiq ta' "dal-mużew tagħna";



Ix-xogħol f'wieħed mis-sulari tal-mużew sa Frar 2012.



Iċ-Ċena Uffiċjali tat-3 ta' Marzu 2012, fir-Refettorju tad-Dar Parrokkjali.

Programm Operazzjonali I – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
*Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar*
Proġett parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (ERDF)
Rata ta' Kofinanzjament: 72.25% Fondi UE; 12.75% Fondi Nazzjonali; 15%NGOs
***Ninvestu fil-futur tagħna***

anzi, waqt li offra l-għajnuna tiegħu, saħaq kemm jaraħ f'dawl pożittiv għad-djoċesi kollha.

Bdejt il-lum b'wegħda li ma nirreferix wisq għall-aspetti amministrattivi; irrid noqgħod lura, iżda ma nistax naqbeż għal kollox laqgħat li kellna ma' uffiċjali tal-*Managing Authority* (jew, ukoll, il-*PPCD*), speċjalment minħabba bidla f'uħud mill-karigi. Servew ukoll biex nikkjarifikaw ċerti proċeduri; fil-fatt ikollna ftit tal-logħob sewwa qabel ma nkunu nistgħu nibagħtu kont Malta biex il-kuntrattur jitħallas. U mad-dokumenti nkunu rridu nżidu l-15% sehemna. Allura, issa li qed jiżdiedu sew il-kontijiet ladarba x-xogħol miexi qatigħ u qed niffirmaw iktar kuntratti, dawn is-somom saru sostanzjali!

Iva, issa hu żmien ideali biex tieħu postok fil-lista titwal ta' dawk li jistgħu "jiftaħru" li kellhom sehem f'din l-inizjattiva. Tistgħu tipparteċipaw fil-ftit attivitajiet ta' *fundraising* li norganizzaaw (prinċipalment mill-Grupp tal-Ħbieb). Ftit imma tajbin: l-Ikla fit-3 ta' Marzu żgur trid tiġi deskritta bħala suċċess mill-kwantità u l-kwalità... u l-kumpanija.

Mezz "normali" hu li tidħlu fl-iskema *€150 agħmilhom elf* li diġà spjegajtha sew. Allura kemm infakkarkom fil-kontijiet bankarji li għandna miftuħa: **20000866897** (APS), **40018670408** (BOV), **071227912001** (HSBC) u **0117460034501** (Lombard).

Fil-fatt kull ma għandkom bżonn hu li ssemmu Fondazzjoni Belt Victoria l-bank, jew sempliċement tkellmuna. Iżda tistgħu wkoll toħorġu ċekk u timpustawh jew twassluh.



Mument miż-żjara ta' l-Isqof Grech lill-proġett, fid-19 ta' Marzu 2012.

## Insellmu lil...



• Michelangelo Formosa, magħruf bħala Kalanġ ta' Munda, l-ixjeħ eks-bandist li kien fadlilha s-Soċjetà Filarmonika *La Stella*, li miet fit-13 ta' Jannar 2012, fl-età saħħa ta' 98 sena. Kalanġ serva għal 72 sena sħaħ bħala bandist kif ukoll għal xi snin bħala membru tal-Kumitat.



• Il-Prof. Dun Peter Serracino Inglott, eks-Rettur ta' l-Università ta' Malta, studjuż għaref u ħabib tal-Bażilika ta' San Ġorġ, li miet fis-16 ta' Marzu 2012. Fis-Sena Ċentinarja Ġorġjana ta' l-2003, fis-Simposju Internazzjonali dwar San Ġorġ li kien sar f'Lulju fil-Bażilika ta' San Ġorġ, il-Professur Serracino Inglott kien ta diskors interessanti bit-tema *The Iconography of St George*.

## Nifirħu lil...

• L-E.T. Mons. Ġuzeppi Mercieca, Arċisqof Emeritu ta' Malta, u Mons. Saver Calleja, Primiċerju tal-Kolleġġjata Ġorġjana, it-tnejn saċerdoti wlied il-parroċċa Ġorġjana tal-Belt Victoria, li fit-8 ta' Marzu 2012 fakkru s-sittin anniversarju mill-ordinazzjoni presbiterali tagħhom.

• Il-Kan. Ġwann Gauci, membru tal-Kapitlu Ġorġjan, li fis-7 ta' April 2012 għalaq ħamsin sena mill-ordinazzjoni presbiterali tiegħu.




www.stgeorge.org.mt | il-websajt uffiċjali tal-Bażilika ta' San Ġorġ



# Mid-Djarju Parrokkjali

KRONAKA TAL-PARROĊĊA

Diċembru 2011 - Marzu 2012

*Andrew Formosa*

**» 1 ta' Diċembru**
**05.00pm:** Fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali saret Ċelebrazzjoni ta' l-Avvent għat-tfal tal-parroċċa u l-ġenituri tagħhom bħala parti mill-preparamenti għall-festa tal-Milied.

**» 7 ta' Diċembru**
**Fil-għaxija:** Mons. Alfred Xuereb, segretarju tal-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI, ġie mżejjen mill-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria b'*Ġieħ il-Belt Victoria*, li ngħatalu mis-Sindku Dr Samuel Azzopardi f'serata kulturali li saret fiċ-*Cittadella Centre for Arts and Culture*.

**» 10 ta' Diċembru**
**11.00am:** Fl-*Istituto Italiano di Cultura*, Misraħ San Ġorġ, il-Belt Valletta, infetħet wirja ta' l-altar maġġur il-qadim ta' San Ġorġ, wara x-xogħol ta' restawr li sar fuqu b'inizjattiva tal-Fondazzjoni Belt Victoria u b'fondi ta' *eko-Għawdex*. Fiċ-ċerimonja tal-ftuħ għamlu l-interventi tagħhom is-Sur Antoine Vassallo, *Project Leader*, Mons. Ġużeppi Farrugia, Kordinatur tal-Proġett, l-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, l-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, kif ukoll l-E.T. Efisio Marras, Ambaxxatur ta' l-Italja f'Malta. Kanta wkoll il-Kor *Laudate Pueri*. Il-wirja damet miftuħa sa tmiem Jannar 2012.

**» 11 ta' Diċembru-6 ta' Jannar**
Il-Bambin "ta' De Soldanis" kien fost l-oġġetti prezzjużi fil-wirja *Il-Bambini tal-Milied f'Malta. 350 sena ta' storja*, mtellgħa mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru fil-Berġa ta' Kastilja, il-Belt Valletta.

**» 15-23 ta' Diċembru**
**06.00pm:** Ġiet iċċelebrata fil-Bażilika n-Novena tal-Milied għat-Tfal, li tmexxiet minn Dun Geoffrey George Attard. In-Novena kienet ibbażata fuq it-tema ta' l-Ikona tan-Natività ta' Rublev, u kienet ukoll tinkludi episodji drammatiċi qosra wara l-Vanġelu fejn kienu jkellmu lit-tfal persunaġġi mill-istorja tal-Milied kif tirrakkonta l-Ikona. Kull ġurnata t-tfal kienu jingħataw *sticker* biex fl-aħħar jgħaqqdu x-xbieha sħiħa ta' l-Ikona fid-dar tagħhom; dan barra borża ħelu kull darba. Iċ-ċelebrazzjoni ta' kull ġurnata kienet tintemm bil-kant ta' l-*Alma* minn Francis J. Camilleri u l-Barka Ewkaristika. Fl-aħħar ġurnata tan-Novena sar festin kbir għal dawk kollha involuti. Fil-jiem tan-Novena l-Arċipriet bierek ukoll żewġ presepji tal-parroċċa, wieħed magħdum fid-Dar Parrokkjali mill-Grupp tal-Vokazzjonijiet u l-ieħor fis-sular ta' isfel ta' Dar *Leħen il-Belt Victoria*.

**» 16-24 ta' Diċembru**
**09.00pm:** L-Arċipriet Mons Pawlu Cardona mexxa n-Novena għal kulħadd.

**» 18 ta' Diċembru**
**08.00pm:** Il-Kan. Tonio Galea mexxa Quddiesa għall-Grupp ta' l-Adolexxenti f'għar fix-Xagħra, u wara saret l-Ikla tal-Milied tagħhom fir-ristorant *Pulena*, Marsalforn.

**» 24 ta' Diċembru**
**04.30pm:** Mons. Ġużeppi Farrugia, Arċipriet Emeritu, mexxa l-Ewwel Għasar Solenni tal-Milied, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru.
**11.30pm:** Saret iċ-ċelebrazzjoni tal-Vġili tal-Milied, li bdiet bit-talb ta' l-Uffiċċju tal-Qari, u wara l-Priedka tat-Tifel mill-abbati Riccardo Gatt Ellis, u kompliet bil-Quddiesa ta' Nofs il-Lejl immexxija mill-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru. Il-liturġija ġiet animata mill-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*.

**» 25 ta' Diċembru**
**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, mexxa l-Pontifikal Solenni ta' Jum il-Milied, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru. Il-liturġija ġiet animata mill-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*. Fi tmiem il-Quddiesa, l-Arċipriet Cardona, f'isem il-komunità parrokkjali kollha, ta l-awguri tal-Milied lil Mons. Isqof.

**» 27 ta' Diċembru**
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-solennità Lateranensi ta' San Silvestru, Papa u Fundatur ta' l-Arċibażilika tal-Lateran.

**» 30 ta' Diċembru**
**Fil-għaxija:** Fil-Kurja Veskovili ta' Għawdex, Dun Ġużepp Gauci rċieva formalment in-nomina tiegħu bħala Monsinjur Onorarju tal-Katidral ta' Għawdex minn idejn Mons. Isqof Mario Grech. Il-ħatra ta' Mons. Gauci kienet ġiet approvata ftit jiem qabel mill-Kapitlu Katidrali u kkomunikata uffiċjalment nhar il-Milied. Għaċ-ċerimonja kien hemm preżenti l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, il-Vigarju Parrokkjali Mons. Anton Borg, u l-familjari ta' Mons. Gauci.

**» 31 ta' Diċembru**
**05.00pm:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, mexxa l-Pontifikal Solenni ta' Radd il-Ħajr għas-sena li kienet qed tintemm. Fi tmiem il-Pontifikal, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, tkanta t-*Te Deum*. Il-liturġija ġiet animata mill-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*.
**08.00pm:** Saret Adorazzjoni Solenni b'talb ta' radd il-ħajr, li tmexxiet mill-Vigarju Parrokkjali Mons. Anton Borg.

**» 1 ta' Jannar**
**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, mexxa Pontifikal Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-solennità tal-Maternità Divina ta' Marija. Il-liturġija ġiet animata mill-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*.

**» 6 ta' Jannar**
**07.00pm:** Sar fid-Dar Parrokkjali l-festin għall-kollaboraturi u l-benefatturi kollha tal-parroċċa.

**» 11 ta' Jannar**
**11.00am:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata Ġorġjana, mexxa Pontifikal Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fis-solennità ta' l-Epifanija tal-Mulej, fejn saret it-tħabbira tal-festi liturġiċi l-kbar tas-sena. Il-liturġija ġiet animata mill-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*.
**12.30pm:** Il-membri tal-Kapitlu u l-kleru tal-parroċċa pprانzaw ma' Mons. Isqof fid-Dar Parrokkjali.

**» 14-15 ta' Jannar**
Fil-Quddies kollu tas-Sibt fil-għaxija u l-Ħadd saret ġabra speċjali b'riżq il-ħidma tal-Kummissarjat Malti tal-Patrijiet Franġiskani Minuri fl-Art Imqaddsa. Inġabret is-somma sabiħa ta' €1,945.08.

**» 23 ta' Jannar**
**09.00am:** Mons. Ġużeppi Gauci mexxa Quddiesa għat-tfal li jattendu fl-Iskola Primarja *St Francis* tal-Belt Victoria, fl-okkażjoni ta' l-anniversarju tas-sittin sena mill-mewt tal-Qaddejja ta' Alla Madre Margerita De Brincat.

**» 27 ta' Jannar**
**08.00pm:** L-adolexxenti tal-parroċċa attendew għal laqgħa għall-gruppi ta' l-adolexxenti ta' Għawdex li saret fl-Oratorju Don Bosco fl-okkażjoni tal-festa ta' San Ġwann Bosco.

**» 28 ta' Jannar**
**11.00am:** Il-Fondazzjoni Belt Victoria organizzat ħarġa għal Malta fejn saru żjarat lil diversi postijiet ta' interess, fosthom fin-Naxxar u l-Belt Valletta.
**» 29 ta' Jannar**
**10.30am:** Il-Kor tal-Bażilika *Laudate Pueri*, taħt id-direzzjoni tal-Kan. George J. Frendo, ħa sehem fil-Pontifikal Solenni tal-festa ta' San Ġwann Bosco, fl-Oratorju Don Bosco.
**» 31 ta' Jannar**
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Quddiesa fl-okkażjoni tal-festa liturġika ta' San Ġwann Bosco, fl-Oratorju Don Bosco. Kanta l-*Chorus Urbanus*.
**» Jannar-Frar 2012**
Fil-wirja kommemorattiva dwar l-istudjuż tal-Malti Ninu Cremona – li nżammet l-ewwel fil-*Banca Giuratale* fi Pjazza Indipendenza u mbagħad fil-Bibljoteka Nazzjonali ta' Malta – kien esebit fost l-oħrajn ir-Reġistru Parrokkjali tal-Bażilika ta' San Ġorġ fejn hi mniżżla l-Magħmudija ta' Cremona. Il-wirja ġiet organizzata mill-Kunsill tal-Kultura u l-Informazzjoni fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex.
**» 2 ta' Frar**
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fil-festa tal-Preżentazzjoni tal-Mulej, il-Gandlora.
**» 8-10 ta' Frar**
**06.00pm:** Ġie ċċelebrat it-Tridu bi tħejjija għall-festa parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Lourdes. Għall-okkażjoni nħarġet għall-qima taħt il-pavaljun tagħha fil-korsija l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes.
**» 11 ta' Frar**
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fil-festa liturġika u parrokkjali tal-Verġni Mqaddsa ta' Lourdes. Il-purċissjoni *aux flambeaux* kellha titħassar minħabba x-xita.
**» 22 ta' Frar**
**06.00pm:** L-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, fil-bidu taż-żmien liturġiku tar-Randan; f'din il-Quddies u fil-Quddies kollu tal-ġurnata sar ir-Rit tat-Tqegħid ta' l-Irmied.
**» 23 ta' Frar**
**05.30pm:** Saret l-ewwel Ċelebrazzjoni tar-Randan għat-tfal tal-parroċċa u l-ġenituri tagħhom, b'katekeżi dwar dan iż-żmien liturġiku importanti.
**» 24-25 ta' Frar**
Bejn il-Ġimgħa fil-għaxija u s-Sibt wara nofs in-nhar, il-Grupp *23four* organizza *Live-In* tar-Randan għal madwar għoxrin adoloxxent tal-parroċċa, fid-Dar ta' l-Irtiri tas-Sorijiet Agostinjani f'Għajnsielem.
**» 27 ta' Frar-2 ta' Marzu**
**04.15pm:** Sar l-ewwel kors ta' Eżerċizzi Spiritwali tar-Randan għal kulħadd, minn Mons. George Bezzina.



**» 29 ta' Frar**
L-Onor. Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex, żaret il-laboratorju tal-kumpanija tar-restawr *PrevArti* fil-*Mosta Technopark*, fejn rat ix-xogħlijiet li saru fuq ir-reġistri antiki tal-parroċċa kif ukoll fuq xi kwadri qodma li qed jiġu rrestawrati b'fondi ta' l-Unjoni Ewropea.

**» 3 ta' Marzu**
**07.30pm:** Il-Fondazzjoni Belt Victoria organizzat Ċena Uffiċjali fid-Dar Parrokkjali bħala *fund raising* b'riżq il-proġett tal-Mużew tal-Bażilika.
**» 5-9 ta' Marzu**
**07.30pm:** Sar it-tieni kors ta' Eżerċizzi tar-Randan, dawk għall-miżżewġin, immexxi minn Mons. Carmelo Mercieca, Arċipriet tax-Xewkija.
**» 8 ta' Marzu**
**05.30pm:** Saret it-tieni Ċelebrazzjoni tar-Randan għat-tfal tal-parroċċa u l-ġenituri tagħhom.
**» 12-15 ta' Marzu**
**07.30pm:** Sar it-tielet kors ta' Eżerċizzi tar-Randan, dawk għall-adolexxenti, immexxija mill-Kan. Tonio Galea.
**» 15 ta' Marzu**
**04.30pm, 05.30pm:** Fiċ-Ċentru Parrokkjali saru laqgħat mill-Vigarju Parrokkjali Mons. Anton Borg għall-ġenituri tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof rispettivament.
**» 16 ta' Marzu**
**06.00pm:** Dun Savio Vella SDB mexxa Konċelebrazzjoni Solenni fl-okkażjoni tal-festa parrokkjali tal-Liżar ta' Kristu. Wara hu mexxa taħdita u preżentazzjoni viżiva dwar l-istorja tal-Liżar, fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*. Bejn il-11 u l-25 ta' Marzu, ir-replika tal-Liżar ta' Turin li għandna miżmuma f'waħda mis-swali maġenb is-sagristija kienet esposta fuq l-Altar ta' San Lazzru fil-Bażilika.
**» 18 ta' Marzu**
**11.00am:** L-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritu ta' Malta, mexxa Konċelebrazzjoni Pontifikali, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, b'radd il-ħajr lil Alla għas-sittin anniversarju presbiterali tiegħu. Lejn tmiem il-Quddiesa, l-Arċipriet feraħlu fl-isem il-komunità parrokkjali Ġorġjana li minnha ħareġ, u Mons. Mercieca offra lill-Bażilika kalċi sabiħ li hu kien irċieva bħala rigal minn għand iż-żewġ zijiet saċerdoti tiegħu, Mons. Ġorġ u Mons. Anton Mercieca.
**12.00pm:** Fil-Quddiesa ta' Nofs in-Nhar, bħala parti mill-attivitajiet tal-*Festival ta' l-Orgni* organizzat mill-Kunsill tal-Kultura u l-Informazzjoni fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex, daqq l-organista Noel Gallo.
**» 19 ta' Marzu**
**Fil-għodu:** L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex u Dekan tal-Kolleġġjata, żar is-sit tal-proġett tal-Mużew tal-Bażilika, akkumpanjat mill-Arċipriet u mid-diriġenti tal-Fondazzjoni Belt Victoria. Wara, huwa ltaqa' ma' bosta membri u benefatturi tal-Fondazzjoni fl-Awla *Mons. Giuseppe Farrugia*, fejn ġie mgħarraf bl-iżviluppi riċenti li saru fil-proġett. Il-laqgħa ntemmet bi pranzu fid-Dar Parrokkjali.
**» 22 ta' Marzu**
**04.30pm, 05.30pm:** Fiċ-Ċentru Parrokkjali saru laqgħat mill-Vigarju Parrokkjali Mons. Anton Borg għall-ġenituri tat-tfal ta' l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof rispettivament.
**» 23-30 ta' Marzu**
**06.00pm:** Ġiet iċċelebrata s-Settiena tad-Duluri. Fl-ewwel jum, l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona mexxa Konċelebrazzjoni Solenni, bis-sehem tal-Kapitlu u l-kleru, u dritt wara *Via Matris* mat-toroq ta' madwar il-Bażilika. Fil-jiem l-oħra, qaddes u ppriedka l-Kan. Tonio Galea.
**» 26-29 ta' Marzu**
**04.15pm:** Id-djaknu Daniel Grech mexxa r-raba' u l-aħħar kors ta' Eżerċizzi tar-Randan fil-parroċċa, li kienu għat-tfal u saru fiċ-ċentru parrokkjali.
**» 29-30 ta' Marzu**
Fil-Kappella ta' Ġesù u Marija ġiet esebita, qabel tinżebagħ, l-istatwa artistika ġdida ta' Ġesù Inkurunat bix-Xewk (Tal-Porpra), imnaqqxa fl-injam minn Michael u ibnu Adonai Camilleri Cauchi.
**» 31 ta' Marzu**
Il-Grupp tal-Vokazzjonijiet tal-parroċċa għamel il-*Via Crucis* fuq l-għolja Ta' Għammar, akkumpanjat mill-Arċipriet Emeritu Mons. Ġużeppi Farrugia.

# *Mid-Djarju tal-Parroċċa*

1 **23 ta' Diċembru 2011:** It-tfal kollha li attendew għan-Novena tal-Milied fil-Bażilika, flimkien ma' l-Arċipriet Mons. Pawlu Cardona, il-predikatur Dun Geoffrey G. Attard u l-animaturi.

2 **19 ta' Marzu 2012:** L-Isqof Mario Grech iżur il-proġett tal-Mużew tal-Bażilika.

3 **23 ta' April 2012:** Mons. Ġużeppi Gauci jmexxi t-Tieni Għasar Solenni ta' Jum San Ġorġ.

4 **6 ta' April 2012:** L-istatwa l-ġdida ta' Ġesù Inkurunat bix-Xewk, xogħol fl-injam ta' Michael u Adonai Camilleri Cauchi.

5 **6 ta' April 2012:** Il-faċċata tal-Bażilika mdawla għad-dħul tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, bil-Vara l-Kbira dieħla lura fil-knisja.















[**ritratti:** Joe Attard, Tonio Schembri, JJP Zammit]